MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 2262/2004

**Mobisle Communications Limited**
**vs**
**Bonello Mario**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm81.95), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 356812 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru 2003 u Mejju 2004.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru, 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' Marzu, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm81.95), bl-imghax legali mill-21 ta' Ottubru, 2004 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru, 2004, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------